

32004L0067

L 127/92

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

29.4.2004

## ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2004/67/KE

tas-26 ta' April, 2004

li għandha x'taqsam mal-miżuri biex tissalvagwardja is-sigurtà tal-provvista ta' gas naturali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

issalvagwardata s-sigurtà tal-provvista kif ukoll il-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artiklu 100 tiegħu,

(4) L-obbligi tas-sigurata tal-provvista imposti fuq kumpaniji m'għandhomx jimpedixxu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u m'għandhomx jimponu piż mhux raġonevoli u sproporzjonat fuq atturi tas-suq tal-gass, inklużi prinċipjanti ġodda fis-suq u atturi żgħar fis-suq.

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(2)</sup>,

(5) In vista tas-suq tal-gass dejjem jikber fil-Komunità, huwa importanti li tinżamm is-sigurtà tal-provvista tal-gas, b'mod partikolari rigward kliġenti tad-djar.

Wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(3)</sup>;

(6) Għażla kbira ta' strumenti hija disponibbli għall-industrija u, jekk xieraq, għal Stati Membri, biex josservaw l-obbligi tas-sigurtà tal-provvista. Ftehim bilaterali bejn Stati Membri jista' jkun wieħed mill-mezzi li jikkontribwixxi għall-ksib ta' *standards* minimi ta' sigurtà tal-provvista, filwaqt li jitqies dovutement it-Trattat u leġislazzjoni sekondarja, b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2003/55/KE.

Billi:

(1) Il-gass naturali (gass) qiegħed iktar ma jmur iktar isir komponent importanti fil-provvista ta' enerġija Komunitarja, u, kif indikat fil-Karta l-Ħadra "Lejn Strateġija Ewropea għas-sigurtà ta' provvista ta' enerġija", l-Unjoni Ewropea mistennija f'terminu iktar twil issir iktar u iktar dipendenti fuq gass importat minn sorsi (għejjun) ta' provvista mhux UE.

(7) Miri minimi indikattivi għall-ħażna tal-gass għandhom ikunu stabbiliti jew fl-livell nazzjonali jew mill-industrija. Huwa mifhum (Wieħed jifhem) li dan m'għandhux joħloq xi obbligi addizzjonali ta' investment.

(2) Wara d-Direttiva 98/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern f'gass naturali <sup>(4)</sup> u d-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern f'gass naturali u li tirrevoka d-Direttiva 98/30/KE <sup>(5)</sup>, is-suq tal-gass Komunitarju se jkun il-liberalizzat. Konsegwentement, rigward is-sigurtà ta' provvista, kull diffikulta li jkollha l-effett li tnaqqas il-provvista tal-gass setgħet tikkawża disturbi serji fl-attività ekonomika tal-Komunità; għal din ir-raġuni, hemm hteġa dejjem tikber li tkun żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-gass.

(8) Filwaqt li titqies l-importanza li tkun żgurata l-provvista tal-gass, i.e. fuq il-bażi ta' kuntratti ta' terminu fit-tul, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-iżviluppi fuq is-suq tal-gass fuq il-bażi ta' rapporti minn Stati Membri.

(3) L-ikkompletar tas-suq intern tal-gass jitlob (jobbliġa, jidde-termina) avviċinament komuni mnimu għas-sigurtà tal-provvista, b'mod partikolari permezz ta' politiki trasparenti u non-diskriminatorji ta' provvista kompatibbli mar-rekwiżiti ta' suq tali, biex ikun impedit tagħwiġ tas-suq. Id-definizzjoni ċara tal-partijiet u r-responsabbiltajiet ta' l-atturi kollha tas-suq hija għahekk kruċjali biex tkun

(9) Biex tkun issodisfatta d-domanda dejjem tikber għall-gass u tiddiversifika l-provvisti tal-gass bħala kondizzjoni għal suq tal-gass intern kompetittiv, il-Komunità tkun teħtieġ timmobilizza volumi addizzjonali sinifikanti ta' gass matul l-għaxriet ta' snin li ġejjin li ħafna minnu jkollu jiġi minn sorsi l bodgħod u ttrasportat fuq distanzi twal.

(10) Il-Komunità għandha interess komuni qawwi flimkien ma' pajjiżi fornituri u ta' transitu fl-iżgurar ta' investimenti kontinwi fl-infrastruttura tal-provvista tal-gass.

(11) Kuntratti fuq terminu fit-tul kellhom rwol importanti ħafna fl-iżgurar ta' provvisti ta' gass għall-Ewropa u u għandhom jissoktaw jagħmlu hekk. Il-livell kurrenti ta' kuntratti fuq terminu fit-tul huwa adegwat fuq il-livell Komunitarju, u wieħed jaħseb (jemmem) li kuntratti tali għandhom jissoktaw jagħmlu kontribuzzjoni sinifikanti għall-provvisti ġenerali ta' gass hekk kif kumpaniji jissoktaw jinkludu kuntratti tali fil-portafoll ta' provvista ġenerali ta' gass.

<sup>(1)</sup> ĠU C 331 E, 31.12.2002, p. 262.

<sup>(2)</sup> ĠU C 133, 6.6.2003, p. 16.

<sup>(3)</sup> Opinjoni għadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>(4)</sup> ĠU L 204, 21.7.1998, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 176, 15.7.2003, p. 57.

(12) Sar progress konsiderevoli fl-iżvilupp ta' pjattaformi għall-kummerċ likwidu u permezz ta' programmi għar-rilaxx tal-gass fuq livell nazzjonali. Din it-tendenza hija mistennija li tissokta.

(13) L-istabbiliment ta' solidarjeta ġenwina bejn Stati Membri f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza kbira fil-provvista hija essenzjali, iktar għandha tissoda kif Stati Membri jsiru iktar interdipendenti dwar is-sigurata tal-provvista.

(14) Id-drittijiet sovrani ta' Stati Membri fuq ir-riżorsi naturali tagħhom proprji ma jintlaqtux b'din id-Direttiva.

(15) Għandu jkun stabbilit Grupp ta' Kordinazzjoni għall-Gass, li għandu jiffaċilita l-kordinazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà tal-provvista flivell Komunitarju fil-każ ta' diżordni maġġuri ta' provvista, u jista' wkoll jassisti Stati Membri jikkordinaw miżuri meħuda flivell nazzjonali. Barramindan, għandu jiskambja informazzjoni dwar sigurtà tal-provvista tal-gass fuq bażi regolari, u għandu jikkunsidra aspenti relevanti fil-kontest ta' diżordni maġġuri ta' provvista.

(16) Stati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw provvedimenti ta' emerġenza nazzjonali.

(17) Din id-Direttiva għandha ttipprovdi r-regoli applikabbli fil-każ ta' diżordni maġġuri ta' provvista; it-tul (dewmien) previst għal din id-diżordni ta' provvista għandu jkopri perjodu ta' żmien sinifikanti ta' għall-inqas tmien ġimgħat.

(18) Rigward l-immaniġġar ta' diżordni maġġuri ta' provvista, din id-Direttiva għandha ttipprovdi għal mekkaniżmu bbażat fuq avviċinament ta' tliet passi. L-ewwel pass ikun jinvolvi r-reazzjonijiet ta' l-industrija għad-diżordni ta' provvista; jekk dan ma jkunx suffiċjenti, Stati Membri għandhom jieħdu miżuri biex isolvu d-diżordni ta' provvista. Biss jekk il-miżuri meħuda f'li stadju wieħed u tnejn ikunu fallw għandhom jittieħdu miżuri flivell Komunitarju.

(19) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-iżguraw ta' livell adegwat għas-sigurtà ta' provvista tal-gas, b'mod partikolari fil-każ ta' diżordni maġġuri ta' provvista, filwaqt li jikkontrobwixxi għall-funzjonament xieraq tas-suq tal-gass intern, ma jistax, fiċ-ċirkostanzi kollha, jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, b'mod partikolari fid-dawl ta' l-interdipendenza dejjem tiżdied ta' l-Istati Membri fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista ta' gass, u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u effetti ta' l-azzjoni, jintlaħaq aħjar flivell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjeta kif miġjub fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalita, kif iddikjarat f'dan l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx iktar lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex tikseb dan il-għan,

ADOPTA DIN ID-DIRETTIVA:

### Artikolu 1

#### Għan

Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri biex jiżguraw livell adegwat għas-sigurtà ta' provvista tal-gass. Dawn il-miżuri jikkontrobwixxu wkoll għall-funzjonament xieraq tas-suq tal-gass intern. Hija tistabbilixxi qafas komuni li fih Stati Membri għandhom jiddefinixxu politiki ta' sigurtà tal-provvista ġenerali, trasparenti u non-diskrimantorji li jkunu kompatibbli mar-rekwiżiti ta' suq tal-gass kompetittiv intern; tiċċara il-partijiet u reponsabbiltajiet ġenerali ta' l-atturi differenti tas-suq u timplimenta proċeduri speċifiċi non-diskrimantorji biex tissalvagwarda s-sigurtà tal-provvista tal-gass.

### Artikolu 2

#### Definizzjonijiet

Għall-għan ta' din id-Direttiva:

1. "kuntratt fuq terminu fit-tul" tfisser kuntratt ta' provvista ta' gass b'tul ta' żmien ta' iktar minn 10 snin;
2. "diżordni maġġura ta' provvista" għandha tfisser sitwazzjoni fejn il-Komunità tkun tirriska titlef iktar minn 20 % tal-provvista tal-gass tagħha minn pajjiżi terzi u s-sitwazzjoni flivell Komunitarju aktarx ma tkunx tista' tkun immaniġġata b'mod adegwat b'miżuri nazzjonali.

### Artikolu 3

#### Politiki biex tkun iżgurata l-provvista tal-gass

1. Meta jistabbilixxu l-politiki ġenerali tagħhom fir-rigward ta' l-iżguraw ta' livelli adegwati ta' sigurata tal-provvista tal-gass, Stati Membri għandhom jiddefinixxu l-partijiet u r-responsabbiltajiet ta' l-atturi differenti fis-suq tal-gass għall-ksib ta' dawn il-politiki, u jispeċifikaw l-istandards minimi adegwati ta' sigurtà ta' provvista li għandhom ikunu osservati mill-atturi fis-suq tal-gass ta' l-Istati Membri in kwestjoni. L-istandards għandhom ikunu implimentati f'manjera non-diskriminatorja u trasparenti u għandhom ikunu jpubblikati.

2. Stati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jiżguraw li l-miżuri li tirreferi għalihom din id-Direttiva ma jpoġġux piż mhux raġonevoli u sproporzjonat fuq l-atturi fis-suq tal-gass u jkunu kompatibbli mar-rekwiżiti tas-suq tal-gass intern kompetittiv.

3. Lista mhux eżawrjenti ta' strumenti għas-sigurtà tal-provvista tal-gass tingħata fl-Anness.

## Artikolu 4

**Sigurtà ta' provvista għal klijenti speċifiċi**

1. Stati Membri għandhom jiżguraw li provvisti għall-klijenti tad-djar ġewwa t-territorji tagħhom ikunu protetti sa punt xieraq għall-inqas fil-każ ta':

- (a) diżordni parzjali tal-provvisti tal-gass nazzjonali matul perjodu li għandu jkun iddeterminat minn Stati Membri filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi nazzjonali;
- (b) temperaturi estremament kesħin matul perjodu fl-aqwa tiegħu li għandu jkun iddeterminat nazzjonalment;
- (ċ) perjodi ta' domanda ta' gass eċċezzjonalment għolja matul il-perjodi ta' temp l-iktar kiesaħ li jiġru statistikament kull 20 sena,

Dawn il-kriterji tirreferi għalihom din id-Direttiva bħala "standards ta' sigurtà ta' provvista".

2. Stati Membri jistgħu jestendu l-ambitu tal-paragrafu 1 b'mod partikolari għal impriżi żgħira u ta' daqs medju u klijenti oħra li ma jistgħux jaqilbu malajr il-konsum ta' gass tagħhom għal sorsi (għejjun) ta' enerġija oħra, inklużi miżuri għas-sigurtà għas-sistema ta' elettriċità nazzjonali tagħhom jekk tiddependi minn provvisti tal-gass.

3. Lista mhux eżawrjenti fl-Anness turi eżempji ta' strumenti li jistgħu jkunu użati biex jintlaħqu *standards* ta' sigurtà ta' provvista.

4. Stati Membri, filwaqt li dovutement jikkunsidraw il-kondizzjonijiet ġeoloġiċi tat-territorju tagħhom u l-possibilita ekonomika u teknika, jistgħu wkoll jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li faċilitajiet ta' ħażna illokati ġewwa t-territorju tagħhom jikkontribwixxu fi grad xieraq għall-kisba ta' *standards* ta' sigurtà ta' provvista.

5. Jekk livell adegwat ta' interkonnessjoni jkun disponibbli, Stati Membri jistgħu jieħdu miżuri xierqa f'koperazzjoni ma' Stat Membru ieħor, inklużi ftehim bilaterali, biex jilhqnu l-*standards* ta' sigurtà ta' provvista billi jużaw faċilitajiet ta' ħażna tal-gass illokati ġewwa l-Istat Membru l-ieħor. Dawn il-miżuri, b'mod partikolari ftehim bilaterali, m'għandhomx jimpedixxu l-funzjonament xieraq tas-suq tal-gass intern.

6. Stati Membri jistgħu jistabbilixxu jew jirrekjedu l-industrija li tistabbilixxi miri minimi indikattivi għal distribuzzjoni futura possibbli ta' ħażna, jew illokata ġewwa jew barra l-Istat Membru, għal sigurtà ta' provvista. Dawn il-miri għandhom ikunu ppubblikati.

## Artikolu 5

**Irrapportar**

1. Fir-rapport ippubblikat minn Stati Membri skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/55/KE, Stati Membri għandhom ukoll ikopru li ġej:

- (a) l-impatt tal-kompetizzjoni tal-miżuri meħuda skond l-Artikoli 3 u 4 fuq l-atturi kollha tas-suq tal-gass;
- (b) il-livelli tal-kapaċita tal-ħażna;
- (ċ) l-estensjoni ta' kuntratti ta' provvista tal-gass għal terminu fit-tul konklużi minn kumpaniji stabbiliti u rreġistrati fit-territorju tagħhom, u b'mod partikolari t-tul ta' żmien li jibqagħlhom, ibbażata fuq informazzjoni pprovduta mill-kumpaniji kkonċernati, imma li teskludi informazzjoni kummerċjalment sensittiva, u l-grad ta' likwidita tas-suq tal-gass;
- (d) l-oqfsa regolatorji li jipprovdu inċentivi adegwati għal investiment ġdid f'esplorazzjoni u produzzjoni, ħażna, LNG u trasport tal-gass, filwaqt li jitqies l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2003/55/KE sal-punt li jkun implimentat mill-Istat Membru.

2. Din l-informazzjoni għandha titqies mill-Kummissjoni fir-rapporti li toħroġ skond l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2003/55/KE fid-dawl tal-konsegwenzi ta' dik id-Direttiva għall-Komunità kollha kemm hi u l-operazzjoni effiċjenti u żgura in ġenerali tas-suq tal-gass intern.

## Artikolu 6

**Immonitorjar**

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja, fuq il-bażi tar-rapporti li jirreferi għalihom l-Artikolu 5(1):

- (a) il-grad ta' kuntratti ġodda ta' importazzjoni ta' provvista tal-gass f'terminu fit-tul minn pajjiżi terzi;
- (b) l-eżistenza ta' likwidita adegwata ta' provvisti tal-gass;
- (ċ) il-livell tal-gass fix-xogħol u l-kapaċita ta' l-irtirar ta' ħażna tal-gass;
- (d) il-livell ta' interkonnessjoni tas-sistemi tal-gass nazzjonali ta' Stati Membri;
- (e) is-sitwazzjoni prevista tal-provvista tal-gass f'funzjoni ta' domanda, awtonomija ta' provvista u sorsi ta' provvista disponibbli flivell Komunitarju dwar żoni ġeografiki speċifiċi fl-Komunità.

2. Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li provvisti ta' gass fil-Komunità jkunu suffiċjenti biex jissodisfaw id-domanda għal gass prevista fit-terminu twil, hija tista' tissottometti proposti skond it-Trattat.

3. Sad-19 ta' Mejju 2008 il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport ta' revizzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-esperjenza ggwadanjata mill-applikazzjoni ta' dan Artikolu.

*Artikolu 7***Grupp ta' Kordinazzjoni dwar il-Gass**

1. Grupp ta' Kordinazzjoni dwar il-Gass huwa b'dan stabbilit biex jiffaċilita l-kordinazzjoni ta' miżuri tas-sigurtà tal-provvista (il-Grupp).
2. Il-Grupp għandu jkun kompost minn rappreżentanti ta' Stati Membri u korpi rappreżentattivi ta' l-industrija kkonċernata u konsumaturi rilevanti, taħt il-presidenza tal-Kummissjoni.
3. Il-Grupp għandu jadotta r-Regoli Interni tiegħu.

*Artikolu 8***Miżuri nazzjonali ta' emerġenza**

1. Stati Membri għandhom jippreparaw bil-quddiem u, jekk xieraq, jaġġornaw miżuri nazzjonali ta' emerġenza u għandhom jikkomunikawhom lill-Kummissjoni. Stati Membri għandhom jippubblikaw il-miżuri nazzjonali ta' emerġenza tagħhom.
2. Il-miżuri ta' emerġenza ta' Stati Membri għandhom jiżguraw, fejn jixraq, li l-atturi tas-suq jingħataw opportunita suffiċjenti biex jipprovdu tweġiba (reazzjoni) inizjali għas-sitwazzjoni ta' emerġenza.
3. Suġġetti għall-Artikolu 4(1), Stati Membri jistgħu jindikaw lill-presidenza tal-Grupp avvenimenti li jikkunsdraw, minħabba l-kobor u l-karattru eċċezzjonali tagħhom, ma jistgħux ikunu mmanegġgati b'mod adegwat b'miżuri nazzjonali.

*Artikolu 9***Mekkaniżmu Komunitarju**

1. Jekk jinqala' avveniment li aktarx jiżviluppa f'diżordni maġġuri ta' provvista għal perjodu ta' żmien sinifikanti, jew fil-każ ta' avveniment indikat minn Stat Membru skond l-Artikolu 8(3), il-Kummissjoni għandha tlaqqa' l-Grupp kemm jista' malajr, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha proprja.
2. Il-Grupp għandu jeżamina, u, fejn jixraq, jassisti lill-Istat Membru biex jikkordina l-miżuri meħuda fuq livell nazzjonali biex jitratta d-diżordni maġġuri ta' provvista.
3. Fit-tweġiq tax-xogħol tiegħu, il-Grupp għandu jqis b'mod komplet:
  - (a) il-miżuri meħuda mill-industrija tal-gass bħala l-ewwel tweġiba (reazzjoni) għad-diżordni maġġuri ta' provvista;
  - (b) il-miżuri meħuda minn Stati Membri, bħal dawk meħuda skond l-Artikolu 4, inklużi ftehim bilaterali rilevanti.
4. Fejn il-miżuri meħuda flivell nazzjonali li jirreferi għalihom il-paragrafu 3 ma jkunux adegwati biex jitrattaw l-effetti ta' avveniment li jirreferi għalih il-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista', f'konsultazzjoni mall-Grupp, tippovdi gwida lil Stati Membri dwar miżuri oħra li jassistu dawk l-Istati Membri milquta b'mod partikolari mid-diżordni maġġuri ta' provvista.

5. Fejn il-miżuri meħuda flivell nazzjonali skond il-paragrafu 4 mhumiex adegwati biex jitrattaw l-effetti ta' avveniment li jirreferi għalih il-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tissottometti proposta lill-Kunsill dwar miżuri oħra meħtieġa.

6. Kull miżuri flivell Komunitarju li jirreferi għalihom dan l-Artikolu għandu jkun fihom disposizzjonijiet immirati biex jiżguraw kumpens fier u ekwitabbli lill-impriżi kkonċernati mill-miżuri li għandhom jittieħdu.

*Artikolu 10***Immonitorjar ta' l-implimentazzjoni**

1. Sad-19 ta' Mejju 2008, il-Kummissjoni għandha, fid-dawl tal-manjiera li fiha Stati Membri jkun implimentaw din id-Direttiva, tirrapporta l-effikaċja ta' l-istrumenti użati fir-rigward ta' l-Artikolu 3 u 4 u l-effett tagħhom fuq is-suq tal-gass intern u fuq l-evoluzzjoni tal-kompetizzjoni fuq is-suq tal-gass intern.
2. Fid-dawl tar-riżultati ta' dan l-immonitorjar, fejn xieraq, il-Kummissjoni tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet jew tippreżenta proposti dwar miżuri oħra biex ittejjeb is-sigurtà ta' provvista.

*Artikolu 11***Trasposizzjoni**

Stati Membri għandhom iġibu (idahlhu) fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex josservaw din id-Direttiva sad-19 ta' Mejju 2006. Għandhom mill-ewwel jikkomunikaww lill-Kummissjoni it-test ta' dawk id-disposizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-disposizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta Stati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza tali fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir referenza tali għandhom ikunu preskritti mill-Istati Membri.

*Artikolu 12***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 13*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fis-26 ta' April 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. WALSH

## ANNEX

**Lista mhix eżawrjenti ta' strumenti biex itejbu s-sigurtà tal-provvista tal-gass li jirreferi għaliha l-Artikolu 3(3) u l-Artikolu 4(3)**

- gass fix-xogħol fil-kapaċità ta' ħażna,
  - kapaċità ta' rtirar fil-ħażna tal-gass,
  - provvediment ta' kapaċità ta' *pipeline* li tagħmel possibbli d-devjazzjoni tal-provvisti tal-gass għall-żoni effettwati,
  - swieq ta' gass likwidu kummerċjabbli,
  - flessibilità tas-sistema,
  - żvilupp ta' domanda li tista' tinqata',
  - użu ta' karboranti alternattivi ta' sostenn f'impjanti industrijali u ta' l-elettriċità,
  - kapaċitajiet minn konfini għall-oħra,
  - koperazzjoni bejn operatori ta' sistemi ta' trasmissjoni ta' Stati Membri ġirien għal dispaċċ ikkordinat,
  - attivitajiet ikkordinati ta' dispaċċ bejn operatori ta' sistemi ta' distribuzzjoni u trasmissjoni,
  - produzzjoni tal-gass domestika,
  - flissibilità tal-produzzjoni,
  - flissibilità ta' l-importazzjoni,
  - diversifikazzjoni ta' sorsi ta' provvista tal-gass,
  - kuntratti fit-tul,
  - investimenti fl-infrastruttura għall-importazzjoni tal-gass via terminali ta' *regasification* u *pipelines*.
-